MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Numru 987/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Paul Camilleri)
**Vs**
**Carmel Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Carmel Mallia ta` 28 sena bin Carmel u Antonia nee` Mangion, imwieled Pieta fit-30 ta` Marzu 1974 u joqghod 13, Triq San Giljan B`Kara, detentur tal-karta ta` l-Identita 211974M

Billi huwa akkuzat talli fit-18 ta` Ottubru 2001 ghal habta tas-1.00pm gewwa Misrah il-Palazz, il-Belt Valletta,

Bla ordni skond il-ligi ta` Awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Redeemer Caruana kontra l-volonta tieghu u dan sabiex igieghlu jaghmel jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87 (g) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Bi vjolenza ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq imsemmi minuri Redeemer Caruana, u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

B`ghemil zieni ikkorrompa lill-istess Redeemer Caruana u dan bi ksur tal-Artikolu 203 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta

Offenda l-pudur jew il-morali u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta

Ghamel atti jew gesti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dan bi ksur ta` l-Artikolu 338 (bb) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta

U aktar talli b`hekk sar recediv b`sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta` Awissu 1992 (Awla D) u fis-17 ta` Frar 1999 (Awla 11).

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali
Rat li fis-seduta ta` illum l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti u ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati

Rat l-Artikoli 86, 87 (g) u 207 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-Artikolu 28 A tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Tiddeciedi wara li semeghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza li tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu.

Tikkundanna lill-akkuzat sentejn (2) prigunerija liema sentenza ma ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat

jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien erba` snin m`ilum. Il-Qorti qedha tfisser l-import ta` din is-sentenza skond l-Artikoli 28 A u 28 B tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta. Ma ngiebet ebda prova li l-hati hu recediv.

(ft) Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja

Mario Mifsud
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------